MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 707/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Rennie Sammut u l-istess Rennie Sammut**
**vs**

**John Scicluna**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fil-25 ta' Marzu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mitt lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm300.93), u dana in kwantu ghas-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm275.93) lis-socjeta` attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lill-attur l-iehor Rennie Sammut, rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru FAZ-051 fl-4 ta' Mejju, 2001, fil-limiti ta' Ghajn**

**Tuffieha habat mal-vettura numru DAV-703 proprjeta` ta' Rennie Sammut u kkaguna danni f'din l-istess vettura.**

**Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat;**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Ottubru, 2001, u hmistax-il lira (Lm15.00) tal-parir kontra l-konvenut, u ta' ittra ufficjali ohra prezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, bl-imghax kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Ra n-nota ta cessjoni prezentata mill-atturi li biha cedew il-kawza pero` zammew ferm il-kap ta' l-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it–Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Ottubru, 2001, hmistax-il lira (Lm15.00) tal-parir kontra l-konvenut, u ta' ittra ufficjali ohra prezentata kontestwalment ma' l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------